MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 864/2000/1

**Lisa Marie Vassallo**

**Vs**

**Peter Paul Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-partijiet kienu zzewgu fit-30 ta' Mejju 1993 fil-Kappella ta' l-Immakulata Kuncizzjoni, San Giljan, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg mehmuz mac-citazzjoni u markat Dok. A;

Premess illi dan iz-zwieg huwa null ghax: il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u /jew il-kunsens tal-konvenut kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-30 ta' Mejju 1993 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-Artikolu 19(1) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255);

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent jaqbel mat-talba ta' l-attrici fis-sens li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null izda mhux ghal xi ragunijiet imputabbli esklussivament ghalih biss;

2. Illi ghalkemm jista' jirrizulta li huwa naqas minn xi doveri tieghu bhala ragel mizzewweg, pero` ghandu jirrizulta wkoll li certu nuqqasijiet li jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' dan iz-zwieg kienu mputabbli wkoll ghall-istess attrici;

3. Illi fil-fatt u fil-ligi, r-ragunijiet legali moghtija mill-attrici ghall-annullament taz-zwieg fl-odjerna citazzjoni cioe` l-artikoli 19(1)(d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-

Ligijiet ta' Malta) ghandhom jigu applikati fil-konfront taghha wkoll;

4. B'riserva li jigu pprezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Perit Legali Dr. Sandra Sladden biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat ir-rapport ta' l-istess perit legali li jinsab a fol. 92 *et sequitur* tal-process u li gie minnha debitament konfermat fit-22 ta' Novembru 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Tikkompeti lil kull parti fiz-zwieg id-dritt li jinvalidah ghal xi wahda jew aktar fost ir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 19(1) ta' l-Att dwar iz-Zwieg. Fil-kaz *de quo* il-motivi addotti mill-attrici huma dawk precizati fis-subinciz (d) u (f) ta' l-Att imsemmi;

Skond subinciz (d) iz-zwieg ikun null "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg";

Ghamlet sew il-perit legali illi fuq din il-materja, hekk delikata, kif ukoll problematika, tipprovdi,

b'senjalazzjonijiet kazistici, dawk il-kriterji addottati mill-Qrati taghna u li maggorment ottenew kunsens;

Essenzjalment fir-rigward, l-aspetti l-aktar saljenti, rakkolti mill-gurisprudenza u mid-duttrina f'dan il-kamp, jistghu jigu hekk senjalati:

I. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jirrigwarda nuqqas ta' maturita` volittiva u tal-fakoltajiet kritici u estimattivi. Tali difett jinabilita lil dak fost il-konjugi li jevalwa sostantivament id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga;

II. Il-fatturi li jaghtu lok ghal dan id-difett jistghu jkunu multipli u varji. Kollokati fosthom hemm dawk relatati mal-personalita` individwali fil-kuntest taz-zwieg. Kjarament l-esenzjalita` ta-zwieg tikkonsisti fl-iskambju reciproku tal-partijiet bl-intiza li joholqu relazzjoni inter-personali ghal hajja komuni flimkien;

Biex wiehed jivvaluta din l-essenzjalita` l-indagini trid tkun kommizurata mal-funzjoni taz-zwieg. Fil-kaz konkret, imbaghad, dan l-ezami jrid isir in relazzjoni ghall-posizzjoni ta' l-attrici, li twiegeb l-interrogattiv jekk fuq il-fatti, issa skoperti, kienetx tikkuntratta z-zwieg jew dawn kienux jimpedulha l-izvolgiment tieghu;

Dejjem fil-fehma ta' din il-Qorti dak li allura ghandu jitqies il-punt determinanti ma jikkoncernax biss l-incidenza oggetiva tal-hajja konjugali izda wkoll l-aspett tal-materja in korrelazzjoni ghal dawk l-elementi soggettivi tal-konjugi li qed titlob l-impunjativa tal-kuntratt taz-zwieg. Elementi dawn li ghalkemm rizultanti *ex post facto* iz-zwieg iridu wkoll jigu apprezzati b'riferiment ghaz-zmien tac-celebrazzjoni taz-zwieg innifsu;

F'termini oggettivi l-attrici jehtegilha allura tipprova ghall-akkoljiment tat-talba taghha, l-ezistenza ta' dawk ic-cirkostanzi, illi jiddimostraw li minhabba l-personalita` jew komportament tieghu l-kunsens moghti minn zewgha jista' jitqies difformi ghal dak normalment mistenni u li l-kwalitajiet negattivi tieghu, vizwalizzati anke

soggettivament,ma jistghux ma jitqiesux talment gravi, meta dawn huma l-kawza centrali ta' l-inadempiment tieghu li jaqdi l-obbligi taz-zwieg u jaghraf id-dmirijiet veri tieghu fil-parametri tal-hajja komuni flimkien;

Mill-provi kompendjati fil-process jirrizulta illi fil-kors tal-gherusija l-affarijiet bejn din il-koppja kienu ward u zahar. Wara z-zwieg hi rrealizzat, fi kliemha stess, "*I never knew this side of his character*";

Dawn ir-realizzazzjonijiet *per se* igibu n-nullita` taz-zwieg. Fil-verita` d-deklaratorju ta' l-invalidita` jew nullita` tirrikjedi aktar minn hekk;

Jirrizulta illi l-personalita` tal-konvenut kienet tali li impedietu milli tabilhaqq u effettivament jassumi r-responsabilitajiet tal-hajja mizzewga.  Huwa gie deskritt mix-xhieda, partikolarment dawk ta' l-attrici u ta’ Denise Borg (fol. 43), bhala "immature", "insecure", "selfish", "spoilt", "liar", "unfaithful", "ruthless", "manipulative", u assenti ghal kollox f'dik li hi maturita` affettiva jew emotiva;

Ghalih li anke bic-cajt jikkonfessa mal-kunjata tieghu, fil-jum tac-celebrazzjoni tat-tieg, li ma kienx qed jhossu komdu li ser jizzewweg u li f'kull kaz hemm id-divorzju turi b'liema intenzjoni dahal ghaz-zwieg ma' l-attrici.  Ghalih, li f'perjodu relattivament qasir wara z-zwieg imur mawra ma' tfajla barranija ta' sittax-il sena ma kienetx xi haga li wiehed jaghmel plejtu fuqha.  Lanqas il-ftahir ta' kemm kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra ma kellha titqies xi haga anormali jew skomda;

Dawn il-ftit incidenti, apparti evalwazzjoni shiha tal-provi, huma indikattivi ta' nuqqas ta' mhabba u ta' irresponsabilita` lampanti li jattiva flimkien ma' martu komunjoni ta' hajja konjugali.  Ma' dan irid jitqies ukoll dik l-assenja tad-dmir baziku ta' ko-operazzjoni li jerfa' l-pizijiet taz-zwieg.  Dover dan li jinfluwixxi, imbaghad, fuq l-izvolgiment u l-armonija ta' hajja konjugali normali;

Konsiderat kollox ma' kollox din il-Qorti fuq il-fatti maghrufa ma ssibx raguni biex tirrifjuta t-talba attrici u ghalhekk ser tghaddi biex tilqaghha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-Talba Attrici u b'hekk tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Mejju 1993. Dan fuq il-motiv dedott fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255;

Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 5 tal-process.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------